MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2009

Numru. 749/2005

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Maurice Currmi)**

**vs**

**Redianne Bugeja**
**Renald Casha**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Redianne Bugeja ta’ 21 sena, bint Joseph u Elizabeth nee’ Abela, imwielda Pieta’ fit-30 ta’ Awwissu 1983 u residenti 3, Triq il-Mina tax-Xatt, Isla u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 435083(M) u Renald Casha ta’ 32 sena, bin Joseph u Concetta nee’ Grima, imwieled tal-Pieta’ fis-6 ta’ April 1973 u residenti 210 Triq iz-Zewg Mini,

Isla u detentur tal-karta tal-identita' numru 181473(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

1. Fid-9 ta' Jannar 2001 u fi zminijiet ta' wara, fl-ufficini tal-Maltacom Floriana u fi bnadi ohra f' dawn il-Gzejjer, ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali, jew ta' bank privat, b' falsifikazzjoni jew b' tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f' dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

2. Taht l-istess cirkustanzi, xjentement ghamlu uzu mill-istess skrittura jew skritturi foloz.

3. Taht l-istess cirkustanzi, b' falsifikazzjoni, b' firem foloz, jew b' tibdil f' atti, fi skritturi, jew f' firem, jew billi dahhlu isem ta' persuna mhux vera, ghamlu falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli. Jew aktar billi xjentament ghamlu uzu minnha.

4. Talli taht l-istess cirkustanzi, b' mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b' qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b' ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' Lm497.84 bi hsara tas-socjeta Maltacom plc u ta' Elvin Ciantar.

5. Talli taht l-istess cirkustanzi, ghamlu xi qliegh b' qerq bi hsara tas-socjeta' Maltacom plc u ta' Elvin Ciantar.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f' kaz ta' htija, tikkundanna lill-Redianne Bugeja u Renald Casha ghal hlas ta' spejjes li kellhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta’ Awwissu 2005 (esebit a fol. 17 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputati waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tas-27 ta’ April 2006 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma fil-qosor is-segwenti. F’April 2005 certu Elvin Ciantar ghamel rapport lil Pulizija li huwa kien ircieva ittra ufficjali minghand il-Maltacom plc fejn kien qed jigi mitlub ihallas is-somma ta’ Lm497.84 ghas-servizz tal-linja tat-telephone bin-numru 21634542 f’fond gewwa Marsascala ghall-perijodu bejn Mejju u Ottubru 2001. Ciantar informa lil pulizija li huwa qatt ma kien applika ghal din il-linja u qatt ma utilizza din il-linja. Meta Ciantar inghata kopja tal-applikazzjoni li kienet saret mal-Maltacom irrizulta li kien hemm ismu d-dettalji tieghu fuq l-applikazzjoni u li l-linja kienet giet installata fil-fond Flat 5, Scicluna Flats, Triq is-Sajjieda, Marsascala. Ciantar ikkonferma li huwa qatt ma kien ghamel l-imsemmija applikazzjoni u qal li l-firma ma kinitx tieghu u nforma lil Pulizija li kellu suspett li din l-applikazzjoni setghat saret mill-imputati odjerni anki ghaliex fl-indirizz indikat fl-applikazzjoni kien jirrisjedi l-imputat Renald Casha fiz-zmien in kwistjoni. Meta xehed f’dawn il-proceduri Elvin Ciantar spjega li fiz-zmien in kwistjoni huwa kien ilu johrog mal-imputata Redianne Bugeja ghal madwar hames snin u hu u l-imputata kienu ta’ spiss imorru fil-flat ta’ Casha. Huwa spjega wkoll li ftit taz-zmien wara l-imputata telqitu u bdiet tohrog mal-imputat Casha u anki kellha tarbija minnu. Elvin Ciantar xehed ukoll li fid-data li fiha saret l-applikazzjoni, u cioe’ fid-9 ta’ Jannar 2001 huwa kien

ghadu qed johrog mal-imputata Bugeja u qal li huma ma baqghux johorgu flimkien fis-sena 2002. Huwa qal ukoll li qatt ma kien jaf li saret xi applikazzjoni ghal-linja f'ismu u spjega li huwa qatt ma kien jirrisjedi fl-indirizz fejn giet installata l-linja izda kellu cavetta tal-post 'il ghaliex l-imputata Bugeja li dak iz-zmien kienet it-tfajla tieghu kienet inghatat ic-cavetta minn Casha u hija kienet ghaddietha lilu. Huwa qal ukoll lli kien ircieva l-ittra ufficjali minghand il-Maltacom f'indirizz l-Isla fejn huwa irregistrat fir-Registru Elettorali.

Mix-xhieda ta' Guido Farrugia, ir-rapprezentant tal-Maltacom plc (traskrizzjoni relattiva inserita a fol. 34 et sequitur tal-atti processwali) jirrizulta li l-procedura addottata mill-Maltacom meta issir applikazzjoni ghal-linja gdida kienet li wara li tigi sottomessa l-applikazzjoni ghall-linja huma kienu jibghatu ghall-persuna koncernata u jitolbuh jiffirma kuntratt u dan wara li jaraw il-karta tal-identita' tal-applikant u jivverifikaw li l-persuna li tidher fir-ritratt tkun l-istess persuna li qed tiffirma. Dan Farrugia spjega li fil-kaz tal-kuntratt esebit a fol. 26 tal-process l-applikant kien iffirma quddiemu u qal li una volta li huwa (Farrugia) kien iffirma id-dokument dan kien ifisser li vverifika li l-persuna li kellu quddiemu kien l-istess persuna li tidher fil-karta tal-identita' li kienet qed tigi murija lilu u li d-dettalji taghha kienu fuq l-applikazzjoni.

Mir-rapport tal-espert kaligrafu (inserit a fol. 41 et sequitur tal-process) jirrizulta li l-firma li tidher fuq Dok. EC1 esebit a fol. 26 u 27 tal-process m'hijiex ta' Elvin Ciantar izda l-espert qal li ma setghax jikkonkludi b'mod definittiv jekk din il-firma kinitx taqbel mal-firem taz-zewg imputati li jidhru fuq l-istqarrijiet taghhom u dan peress li ma kellux kampjuni bizzejjed sabiex jaghmel l-ezamijiet komparattivi necessarji.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata Redianne Bugeja irrilaxxjat stqarrija fl-20 ta Lulju 2005 (esebita a fol. 18 tal-process) fejn ikkonfermat li fiz-zmien in kwistjoni hija kienet tohrog ma' Elvin Ciantar u li huma kienu hbieb mal-imputat Renald Casha u kienu

ta’ spiss imorru l-flat li huwa kien jikri f’Marsascala. Hija kkonfermat ukoll li xi ftit taz-zmien wara kienet telqet lil Ciantar u bdiet tohrog ma’ Casha. Rigward il-linja tat-telephone in kwistjoni hija qalet li Casha kien staqsa lil Ciantar jekk kienx dispost jaghtih il-permess japplika ghal linja tat-telephone f’ismu (f’isem Ciantar) u wara li Ciantar accetta hija kienet marret il-Maltacom u applikat ghall-linja f’isem Ciantar u ammettiet li kienet hi li imliet l-applikazzjoni u ffirmat il-firma li kienet tidher li hija ta’ Elvin Ciantar. Bugeja qalet li ma tiftakarx jekk meta marret bl-applikazzjoni kinitx akkompanjata minn Ciantar jew altrimenti minn Casha.

L-imputat Renald Casha wkoll irrilaxxja stqarrija fil-21 ta Lulju 2005 (inserita a fol. 20 tal-process) fejn qal li kien Elvin Ciantar li hareg bl-ideja dwar il-linja tat-telephone u huwa qallu li ma kienx interessat li jkollu linja tat-telephone izda jekk xtaq japplika ghall-linja seta’ jaghmel hekk f’ismu u jhallas ghall-linja huwa stess.

Ikkunsidrat:

Illi wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz il-Qorti jidrilha li ma hemmx dubju li l-firma fuq l-applikazzjoni (Dok. EC1 saret mill-imputata Redianne Bugeja u dan peress li fl-istqarrija hija stess ammettiet li kienet ghamlet tali firma u inoltre mir-rapport tal-espert kaligrafu jirrizulta li l-firma fuq il-kuntratt ma saritx minn Elvin Ciantar. Id-Difiza ghamlet referenza ghax-xhieda ta’ Guido Farrugia, l-impjegat tal-Maltacom, li qal li kellhom il-prassi li jivverifikaw li l-persuna li tkun qed tiffirma tkun il-persuna li d-dettalji taghha jkunu jidhru fl-applikazzjoni u dan billi jsir paragun bejn il-karta tal-identita’ li tigi murija u l-persuna li tkun qed tiffirma izda huwa bl-ebda mod ma qal li fil-kaz tad-dokument EC1 huwa kien ghamel hekk. Il-Qorti jidrilha li ma hemmx dubju li l-firma saret mill-imputata Redianne Bugeja u dan ghaliex kienet hija stess li kkonfermat dan il-fatt. Mill-provi rrizulta wkoll li l-linja giet installata fil-fond fejn kien qed jirrisjedi l-imputat Renald Casha u ghalhekk huwa ghamel uzu mid-dokument iffalsifikat sabiex jottjeni linja telefonika fir-residenza tieghu. Mill-provi rrizulta wkoll li l-linja

baqghet tintuza u baqghu jinhargu l-kontijiet u ma jithallsux sas-sena 2003 cioe' wara z-zmien li Elvin Ciantar kien ittermina r-relazzjoni mal-imputata Bugeja. Dan jindika li l-linja effettivament kienet u baqghet tintuza mil-imputat Renald Casha.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti jidrilha li tista tinstab htija fil-konfronti taz-zewg imputati ai termini tal-Artikolu 187(1) u (2) tal-Kap. 9 stante li l-falsifikazzjoni kienet fi skrittura privata u mhux fi skrittura pubblika jew kummercjali. L-imputati qeghdin ghalhekk jigu liberati mill-ewwel(1) u mit-tieni(2) akkuza migjuba fil-konfronti taghhom. L-imputata Redianne Bugeja qed tinstab hatja talli ghamlet il-falsifikazzjoni fil-firma fl-applikazzjoni relattiva filwaqt li l-imputat Casha qed jinstab hati talli ghamel uzu minn tali dokument. Iz-zewg imputati qed jinstabu wkoll hatja tar-reat ta' frodi innominata kontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li huma qarqu kemm bil-Maltacom plc kif ukoll b'Elvin Ciantar billi issottomettew applikazzjoni b'dettalji ta' persuna li ma kienitx taf li qed issir tali applikazzjoni f'isimha, giet iffalsifikata l-firma tal-istess Ciantar u l-imputati ghamlu uzu mill-linja tat-telephone hekk installata minghajr ma hallsu il-kontijiet relattivi stante li dawn il-kontijiet kienu qed isejhu lil haddiehor.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali relattivament netta taz-zewg imputati u ma jidrilhiex li fic-cirkostanzi jkun opportun li tigi applikata piena karcerarja effettiva. Il-Qorti inoltre tiddikjara li ma setghax jigi applikat l-Artikolu 28H in kwantu jirrigwarda l-ammont indikat fil-kontijiet in dizamina stante lli mill-provi bl-ebda mod ma rrizulta jekk effettivament il-kontijiet baqghu ma thallsux minn Ciantar wara li saret l-ittra ufficjali jew jekk effettivament huwa effetwax il-pagament relattiv u ghalhekk l-istess ammont jista' mbaghad ikun dovut lilu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 187 (1), 309, 310 (1)(b) u 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputata Redianne Bugeja hatja tal-tielet(3), ir-raba'(4) u l-hames(5) akkuza migjuba fil-konfronti

taghha u tikkundannaha tmintax(18)-il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perijodu ta' tlett (3) snin millum. Il-Qorti inoltre tiddikjara lill-imputata mhux hatja tal-ewwel(1) u t-tieni(2) akkuza migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess akkuzi.

Wara li rat l-Artikoli 187(2), 309, 310(1)(b) u 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat Renald Casha hati tat-tielet(3), ir-raba'(4) u l-hames(5) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tmintax(18)-il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perijodu ta' tlett(3) snin millum. Il-Qorti inoltre tiddikjara lill-imputat Renald Casha mhux hati tal-ewwel(1) u t-tieni(2) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

B'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lill-imputati jhallsu lir-Registratur tal-Qorti in kwantu ghal nofs kull wiehed u dan fi zmien xahrejn minn meta jigu hekk mitluba l-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' Lm169.33 li huma l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------